MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 9/2014

Appell Nru: 9/2014

Il-Pulizija

[Spettur Johann Fenech]

Vs

Helen Bugeja

Illum, 27 ta' Marzu, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Helen Bugeja, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 222867M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-9 ta' April, 2012, f'dawn il-Gzejjer, u fil-jiem ta' qabel:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i, minghajr ma kellha licenzja mill-

President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jwe tforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bieghet jew xort'ohra traffikat fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ttraffikat, bieghet, qassmet jew offriet li titraffika, tbiegh jew tqassam medicina psikotropika u risetretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

4. U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija, u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

5. U aktar talli kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

6. U aktar talli kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha

Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 88 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

7. U kif ukoll talli minghajr l-awtorita' legittima, dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs, u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, oggett ikun li jkun, li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont l-Att dwar il-Habs, li hu specifikatament medicina perikoluza u kkontrollata (droga eroina, cannabis, u ecstasy) bi ksur tal-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti maghmula taht l-istess Ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-8 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, it-tielet parti tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Avviz Legali 22/1985; il-GN 292/1939; il-SL 101.2002; l-Artikloli 22, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; qieset illi l-piena idonea hija dik karcerarja ta' tlitt(3) snin, u multa ta' erbat elef Ewro (€4,000);

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannat lil Helen Bugeja ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal disa' mija u sebgha u sittin Ewro u erbgha u sebghin centezmu(€967.74).

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB286.2012.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Helen Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija filwaqt li tghati piena aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt fil-piena li nghatat stante illi mhix ekwa u gusta. L-appellanti kienet ammettiet l-akkuza dedotta kontra taghha u

minkejja li ma kienitx ammettiet fl-ewwel seduta, dina intuzat mill-prosekuzzjoni sabiex taghmel statement kontra persuni li fornewlha d-droga u b'hekk tibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kap 101. Fil-fatt id-difiza u l-prosekuzzjoni kienu ftehemu dwar il-piena ta' sentejn priguenerija u €4000 multa. Minkejja li ma sarx verba f'dan is-sens, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet taf ben tajjeb dwar dan u fil-fatt kkummentat. Huwa minnu li l-Qorti mhux tenuta li tosserva l-ftehim bejn il-partijiet dwar il-piena u din kienet sottolinejata, izda ghandha ghas-sens ta' trasparenza ta' piena u din kienet sottolinjata, izda ghandha ghas-sens ta' trasparenza ta' gustizzja tispjeag ghaliex qeghda tiddipartixxi minn dan il-ftehim. Il-Qorti ma ghandiex tiddipartixxi minn dan il-ftehim sempliciment sabiex taghmel punt li mhix obbligata li ssegwi r-rakomandazzjonijiet tal-partijiet. Fic-cirkostanzi fil-kaz partikolari, minkejja li ma hemmx l-elementi ta' duress, izda xorta wahda kien hemm influenza magguri fuq l-appellanta sabiex twettaq dan ir-reat. Ir-reat sehh minhabba pressjoni li kellha minn membru tal-familja taghha, li huwa difficli hi tinjora u ma ssegwix l-ordni jew xewqa tieghu.

Ikkunsidrat:

L-appellanta giet akkuzata talli fid-disgha (9) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) f'dawn il-gzejjer u fil-jum ta' qabel dahhlet id-droga fil-habs civili ta' Kordin fost akkuzi ohra kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat. Fil-kors tal-kawza l-appellanta ammettiet l-akkuzi dedotti kontra taghha, ikkoperat mal-pulizija u l-istess spettur investigattiv irrakkomanda li l-appellanta kellha tibbenefika minn section 29 tal-Kap. 101. Jihder illi sar patteggjament bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza fejn dawn qablu illi l-appellanta kellha tigi mmultata erbat elef ewro (€ 4,000) u mibghuta sentejn habs effettivi. Avolja ma sar l-ebda verbal fuq dan, fit-trattazzjoni tad-Difiza jidher illi sar dan il-ftehim. It-traskrizzjoni tat-trattazzjoni jidher illi saret talba f'dan is-sens. L-avukat tad-Difiza Dottor Malcolm Mifsud, però, b'sens ta' lealtà lejn il-Qorti, ferm apprezzata, qal li l-Magistrat mal-ewwel iddikjarat illi ma kinitx se thossha marbuta ma' dan il-ftehim u dan iddikjaratu bil-miftuh quddiem l-istess avukat u appellanta. Wara dan iddifferiet il-kawza ghas-sentenza u meta giet il-gurnata taghha nghatat is-sentenza fejn l-appellanta giet ikkundannata ghal tlett (3) snin prigunerija effettiva oltre l-multa.

L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell ghax deherilha illi l-ewwel Qorti jmissha aderiet ghat-talba taghhom u imponiet piena kif miftehma. Deherilha illi kienet se tehel sena prigunerija zejda ghal xejn.

Ikkunsidrat:

L-istitut ta' plea bargaining huwa regolat bl-artikolu 453(A) tal-Kodici Kriminali li dana jirregola dan l-istitut quddiem il-Qorti Kriminali biss u dak ta' quddiem il-Qorti Inferjuri mhuwiex regolat bil-ligi. Però b'sentenza moghtija fis-sitta (6) ta' Jannar tal-elfejn u hamsa (2005) Il-Pulizija versus Mario Spagniol il-Qorti tal-Appell Kriminali tat direzzjoni fis-sens illi "... mhux eskuz illi anke quddiem dawn il-Qrati (Qrati Inferjuri) il-Prosekuzzjoni u d-Difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija." U formalizzat kif ghandu jsir dan it-tip ta' patteggament meta qalet "... dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioé jew bil-fomm waqt l-udjenza (in open court) jew permezz ta' xi att gudizzjarju." L-ahjar mod kif jista' jigi evitat kull dizgwid huwa permezz ta' verbal fejn id-Difiza u l-Prosekuzzjoni, jekk jaqblu, jistghu jivverbalizzaw illi qed jissuggerixxu mizura jew sanzjoni lill-Qorti sabiex tikkunsidra. F'dan il-kaz verbal ma sarx izda, l-avukat difensur irrifera ghat-trattazzjoni tas-sottomissjonijiet tieghu fejn dan il-patteggament hu msemmi car. Ghalhekk din il-Qorti mhiex sejra tiddubita illi fil-fatt id-Difiza ghamlet dan is-suggeriment b'mod formali lill-Qorti. Però, min-naha l-ohra l-Qorti hija libera illi taccetta jew ma taccettax dak propost. Fil-kawza Il-Pulizija versus Adil Hassan Mohamed tat-13 ta' Lulju 2012 intqal, "Hu minnu illi l-istatut ta' plea bargaining irregolat bl-artikolu 453(A) japplika biss ghall-Qorti Kriminali u dak quddiem il-Qorti Inferjuri mhuwiex regolat bil-ligi. Però hija prassi komuni illi mhux ta' min jinjora illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, sabiex jithaffew il-proceduri, gieli jkun hemm sitwazzjoni fejn id-Difiza u l-Prosekuzzjoni jiddikjaraw lill-Magistrat li huma jaqblu fuq piena partikolari. Veru li l-Magistrat mhuwiex marbut ma' dak rakkomandat u jista' jeroga piena differenti minn dak pattwit. Però, huwa principju ta' gustizzja naturali illi meta dan isir il-partijiet ghandhom ikunu mgharrfa minn qabel, specjalment id-Difiza, illi m'ghandhiex tkun zvantaggjata b'sorprizi illi dwarhom ma tista' taghmel xejn. ... Il-Magistrat jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dak pattwit però meta ma jaqbilx ghandu jiddikjara n-nuqqas ta' adezjoni tieghu qabel ma tinghata s-sentenza sabiex id-Difiza tkun f'pozizzjoni illi taghti parir lill-akkuzat."

Irrizulta illi dawn il-principji bazici ta' gustizzja naturali gew osservati mill-ewwel Qorti fejn dina iddikjarat mal-ewwel illi ma kinitx se thossha marbuta mas-suggeriment illi ghamlet id-Difiza u l-Prosekuzzjoni. Hawn ukoll, a skans ta' kull ekwivoku, ikun desiderabbli illi meta l-Qorti hekk jidhrilha tivverbalizza dan il-hsieb taghha. F'dan il-kaz jidher illi l-Difiza semghet lill-Magistrat tiddikjara li ma kienx qed ihossha hekk marbuta fejn allura ma hemmx sorprizi u d-Difiza kellha aktar minn opportunità sabiex tikkonsulta ruhha mal-appellanta. F'dan il-kaz, terga', is-sentenza ma nghatatx dakinhar illi saret it-trattazzjoni imma ferm wara allura iktar

kien hemm zmien ghad-Difiza sabiex tikkonsidra l-pozizzjoni taghha. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat tal-ewwel Qorti meta deherilha illi ma kellhiex toqghod fuq dak pattwit bejn id-Difiza u l-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------